# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Godfrey Casha**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta` Godfrey Casha, iben Joseph u Josephine nee Bongailas u li joqgħod 234, Fraklyn Flats, Flat 2, Triq Ninu Cremona, Paola u li għandu l-karta tal-identita bin-numri 515156M u li permezz tagħha ġie imħarrek (fil-qosor) talli fil-14 ta' Frar 2014 kif ukoll fil-ġranet ta' qabel ġewwa l-fond Franlyn Flats, Triq Ninu Cremona, Paola bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-Liġi iżda biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu fixkel lil David Cachia fil-pussess ta' ħwejġu billi waħħal gaġġa b'ċilindri tal-gass fl-arja ta' David Cachia u dan bi ksur tal-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Il-fatti tal-każ : -</u>***

Illi mill-provi prodotti jirriżultaw is-segwenti fatti (in suċċint) : -

David Cachia xehed li huwa għandu tromba ta' tarag fil-proprjeta tiegħu u li fuq din it-tromba hemm is-saqaf u l-arja tagħha li hija wkoll proprjeta tiegħu. Huwa kien kull tant żmien jagħmel il-membrane fuq dan is-saqaf. Dan is-saqaf u l-arja sa ftit żmien ilu kien ħieles minn kull xkiel. Ġara pero li għall-ħabta tal-2009 l-imputat għażel li jitrasferixxi l-kċina tiegħu fil-kamra li t-tieqa tagħha tagħti għal fuq l-arja tas-saqaf ta' din it-tromba tat-tarag. Dan ix—xogħol sar mill-imputat meta huwa kien qiegħed jirranġa d-dar għax kellu xi ħadd mit-tfal tiegħu li kien ser jiżżewweġ.

Irriżulta wara lil parte civile li l-imputat kien insalla gaġġa taħt it-tieqa tal-kċina tiegħu u fiha poġġa żewġ ċilindri tal-gass u din kienet tiġi fl-arja tas-saqaf tat-tromba tat-taraġ tiegħu. Il-parte ċivile ma ntebaħx mill-ewwel b'din il-gaġġa u dawn iż-żewġt ċilindri tal-gass minħabba li mill-bitħa tiegħu ma kienux jidhru. Meta ntebaħ bihom, wara, mexxa bil-kwerela. Huwa żied li jagħmel manutenzjoni ta' dan is-saqaf billi japplika membrane madwar kull tliet snin. L-aħħar li huwa kien applika membrane fuq is-saqaf tat-tromba tat-taraġ hawn fuq imsemmi xi tliet snin ilu ma kien hemm ebda gaġġa jew ċilindri tal-gass installati. Huwa kienx mitlub permess mill-imputat biex jagħmel dil-gaġġa. Issa anke s-

sempliċi manutenzjoni tal-bejt bil-membrane saret ferm aktar diffiċli bil-gaġġa u ċ-ċilindri tal-gass għax ma jkunx jista jaħdem bil-kumdita u jilħaq kullimkien faċilment.

Huwa tenna wkoll li bejnu u l-imputat kien hemm diversi kwistjonijiet u każijiet fil-qorti. Qal ukoll li permezz ta' sentenza mogħtija mill-ġja Maġistrat dott. Antonio Mizzi fl-2011 l-imputat kien ordnat biex ma jitlax fuq il-bjut tal-parte ċivile (eżebixxa kopja tagħha animo ritirandi). Huwa ippreżenta wkoll ritratt li juri kif u fejn ġiet installata l-gaġġa de quo kif ukoll iċ-ċilindri tal-gass rispettivi (GC2). Huwa tenna li din il-gaġġa u ċ-ċilindri huma ta' perikolu peress li s-saqaf sottostanti huwa mibni fuq xorok u travi u b'hekk f'każ li l-gaġġa ċċedi minn postha bit-toqol taċ-ċilindri din faċilment tifqa x-xorok u jaqa' s-saqaf jew parti minnu għal isfel. Huwa eżebixxa wkoll relazzjoni tal-perit tiegħu f'dan is-sens.[1]

L-imputat mill-banda l-oħra stqarr li ilu jirrisjedi fir-residenza tiegħu għal dawn l-aħħar ħamsa u tlietin sena. Huwa qal li meta kien xtara l-fond tiegħu kien assigurat minn sid il-fond li huwa setgħa juża s-saqaf tat-tromba tat-taraġ u jagħmel minnu terrazzin jekk ried. L-imputat itenni li din il-gaġġa kienet ġiet installata minnu madwar ħamsa u għoxrin sena ilu u ma kienx minnu li twaħlet riċentement kif qed jallega l-parte civile. Itenni li bejnu u bejn il-parte civile kien hemm diversi kwistjonijiet fuq aspetti ta' buon viċinat (jew in-nuqqas tiegħu). Huwa tenna wkoll li sa' tliet snin ilu, ċioe meta bdew il-battibekki u l-kwistjonijiet anke bil-Qorti bejnu u bejn il-parte civile ma kienx hemm kwistjonijiet fuq din il-gaġġa u l-parte civile ma kienx ilmenta dwarha. Fuq domanda tal-Qorti huwa jgħid li ma kienx akkwsita parti mill-arja jew xi jeddijiet fuq l-art jew l-arja tat-tromba jew fuq il-bitħa tal-ġar tiegħu fil-kuntratt tiegħu. Anzi tenna li din it-tromba kienet mibnija illegalment u mingħajr permessi. Iżda hu kien ingħata d-dritt biex jekk irid juża dan il-bejt żgħir bħala terrazzin. Il-parte civile kien mar joqgħod fir-residenza tiegħu wara li kien mar jirrisjedi hemm hu.

***<u>Il-motivazzjonijiet tas-sentenza : -</u>***

L-elementi tar-reat ta' ragion fattasi ġew diversi drabi esplorati minn dawn il-Qrati. Fost dawk is-sentenzi li jittrattaw dan ir-reat hemm dik imsemmija mill-Imhallef Lawrence Quintano presjedenti l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tal-11 ta' Frar 2013 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Carmel Azzopardi et" kif ikkwota mis-sentenza "Il-Pulizija versus Eileen Said" li kienet ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Ġunju 2002 mill-Imħallef Joseph Galea Debono u ċioe fejn intqal : -

> Illi l-appellanti instabet hatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right". Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :- "It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....." (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speċjali) Vol. II).

[1] Din ir-relazzjoni pero mhix qed tiġi kunsidrata mill-Qorti stante li qed tiġi fil-maġġor parti tagħha kunsdrata bħala li tesprimi mhux biss fatti iżda wkoll opinjonijiet tekniċi magħmula minn perit *ex parte*.

Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika migbura mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza "Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et" (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) u dawn jinkludu :-

a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna ;
b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt ;
c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali ;
d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi."

Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn huwa l-elementi li jirriflettu l-analiżi tal-ġurista Francesco Carrara fil-kitba tiegħu "Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale", Volum 5, Lucca, 1868, fejn, f'pagna 487, para 2850 itenni l-elementi ta' dan ir-reat bħala : -

1.o Un *atto esterno* che spogli altri di un *bene che gode*, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo – 2.o *Credenza* di far quest'atto in esercizio di un diritto – 3.o *Coscienza* di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati – 4.o *Mancanza di titolo piu' grave*.

Dawn l-elementi jridu jissussistu kumulattivament sabiex ir-reat jigi pruvat kommess.

Fil-fehma tal-Qorti din il-kawża trid tittieħed, sfortunatament, fl-isfond tar-relazzjoni xejn tajba li hemm bejn il-partijiet li, kif stqarrew it-tnejn li huma, ilhom bi kwistjonijiet differenti bejniethom għal diversi snin. Dan huwa każ klassiku fejn il-linja bejn il-ksur tad-drittijiet ċivili u dawk tar-regoli penali hija wieħed rqiqa. Din il-Qorti hija konvinta moralment li f'dan il-każ jirriżulta r-reat ta' ragion fattasi għar-raġunijiet segwenti : -

a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna ;

Il-parte civile stqarr li huwa kien is-sid tat-tromba tat-taraġ, tas-saqaf u tal-arja sovrastanti. Skont il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża "Il-Pulizija vs. Mario Bezzina" deċiża nhar is-26 ta' Mejju 2004 ġie deċiż li –

> Ghall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* "il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu sufficjenti ghall-avverament tal-ipotesi tal- ligi" (ara appell kriminali Il-Pulizija vs George Zahra, 16 ta' Lulju 1958 - Vol. XLII.iv. 1453). Min ikollu oggett misluf lilu ghat-tgawdija tieghu ghandu l-pussess materjali ta' dak l-oggett. Taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn li jigi pruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk.

Il-Qorti hija sodisfatta mid-deposizzjoni tal-parte civile u tal-imputat li l-parte civile kellu l-minimu ta' pussess meħtieġ fuq is-saqaf u l-arja tat-tromba tat-taraġ de quo. Mill-banda l-oħra l-imputat, għalkemm itenni li huwa kien ingħata oriġinarjament il-jedd li juża dal-bejt

bħala terrazzin, huwa jgħid li fil-kuntratt tal-akkwist tiegħu ma kienx hemm xi dritt trasferit fuq dan il-bejt u l-arja ta' din it-tromba. Anzi huwa jgħid li din inbiet illegalment u mingħajr permessi. Din il-Qorti hi sodisfatta li mill-provi quddiemha jirriżulta li l-imputat għandu l-minimu ta' dritt ta' pussess jew detenzjoni meħtieġ li għandu jiġi tutelat.

b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt ;

Għalkemm id-difiża ttenni li ma nġiebetx prova biżżejjed li turi li kien l-imputat li installa l-gaġġa, din il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni. L-imputat tenna li huwa kien ilu jirrisjedi fil-fond de quo għal madwar ħamsa u tletin sena u li din kienet ġiet installata madwar ħamsa u għoxrin sena ilu. Il-Qorti hija konvinta moralment li kien il-imputat li waħħal din il-gaġġa għall-użu li tidher li qed issir minnha bħala xkaffa fejn jitqegħdu ċilindri tal-gass.

Mir-ritratt markat GC2 jidher li din il-gaġġa hija f'kundizzjoni tajba ħafna u anke l-kundizzjoni tal-injam li jidher fir-ritratt jidher li huwa f'kundizzjoni tajba ħafna. Din il-Qorti ssibha ferm diffiċli taċċetta l-verżjoni tal-imputat li din ġiet installata madwar ħamsa u għoxrin sena ilu, anke minħabba l-kundizzjoni tajba u qisha ġdida li tidher fiha. Il-Qorti jidhrilha li l-verżjoni tal-parte civile dwar meta ġiet installata hija aktar verosimili u moralment konvinċenti.

Il-Qorti temmen ukoll li l-aspett intenzjonali da parti tal-imputat ġie wkoll soddisfatt. Dan peress li meta huwa kien qiegħed jinstalla din il-gaġġa fuq l-arja tas-saqaf tat-tromba tat-taraġ tal-parte civile, bl-għarfien li fil-kuntratt tiegħu ma kellux jeddijiet fuq din l-arja – iżda fl-istess ħin bil-fehma li hemmhekk kellu l-jedd jagħmel dan għaliex kien preċedentement ingħata dritt bil-fomm mill-aventi kawża mhux biss li juża dik l-arja iżda anke s-saqaf tagħha bħala terrazzin. Hawnhekk il-Qorti temmen li ġiet oltrepassata l-linja bejn il-vertenza ċivili u dik penali.

Anke fl-isfond tal-kwistjonijiet mal-istess ġar tiegħu huwa għażel li minkejja l-għarfien tiegħu li fil-kuntratt tiegħu ma kellu ebda jedd fuqhom jew fuq il-bitħa tal-parte civile huwa għażel li jisforza ruħu fuq l-arja tal-ġar ukoll għaliex emmen li huwa kellu l-jedd li jagħmel dan billi jinstalla l-gaġġa f'dak il-post. *Il piu' comprende il meno.* La kien ingħata l-jedd li juża dak il-bejt bħala terrazzin, allura multo magis kellu l-jedd li juża l-arja. B'hekk installa l-gaġġa għax kien qed jemmen li qed jaġixxi bi dritt. Iżda minkejja l-għarfien tiegħu li dritt miktub ma kellux, anke fil-każ ta' dubju li setgħa kellu minflok għażel it-triq li jressaq il-kwistjoni għal ġudizzju tal-Awtorita Ġudizzjarja, għażel li jibqa għaddej fid-disinn tiegħu – anke peress li skont hu, dik it-tromba kienet illegali u għalhekk il-ġar tiegħu ma kellux jedd għaliha.

Il-parte civile jgħid li huwa ma ntalabx permess mill-imputat biex jinstalla din il-gaġġa; (u din il-Qorti fehmet li anke kieku tali permess intalab, tali kunsens qajla kien ser jiġi mogħti dato l-passat litiġjuż ta' bejniethom). Il-Qorti tqis li f'dan il-każ kien hemm l-estremi tal-opposizzjoni jekk mhux espressa, almenu impliċita għal tali installazzjoni da parti tal-parte

civile li qed tiġi meqjusa li saret " in spite of the opposition express or implied of such other person ".[2]
F'dan il-każ l-i status quo tad-drittijiet goduti mill-parte civile ġie mittifes kontra r-rieda tiegħu. Skont kif stqarr l-istess parte civile anke s-sempliċi manutenzjoni tal-bejt bil-membrane saret ferm aktar diffiċli bil-gaġġa u ċ-ċilindri tal-gass.

c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali ;

Il-Qorti rat li qabel ma ġiet installata din il-gaġġa ma ttieħdet ebda azzjoni ġudizzjarja da parti tal-istess imputat sabiex, fl-għarfien tiegħu ta' nuqqas ta' drittijiet miktuba fil-kuntratt tal-akkwist tiegħu tal-fond tiegħu fuq il-bejt u l-arja ta' din it-tromba tat-taraġ jew il-bitħa tal-parte civile jiġi aċċertat id-dritt tiegħu li jinstalla dik il-gaġġa fil-post fejn għamilha – u dan sar ukoll fil-konsapevolezza tad-diversi kwistjonijiet mal-ġar tiegħu - anke fuq oġġetti l-aktar trivjali u anqas serji minn din. Meta huwa kien qiegħed jinstalla dik il-gaġġa fil-post de quo huwa kien qiegħed jieħu b'idejh dak li suppost kellu jieħu bl-azzjoni tal-proċess legali anke jekk setgħa kellu dubju dwar id-drittijiet tiegħu. Skont l-Arabia, l-azzjoni tar-ragion fattasi mhix intiza li tissanzjona t-turbativa tal-pussess ta' persuna *per se* iżda tippenalizza l-użu ta' mezzi kompetenti lill-awtorita' pubblika bis-sostituzzjoni tagħhom bl-azzjoni unilaterali da parti tal-privat.[3]

d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi.

Fil-fehma tal-Qorti dan ir-reat ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

In definittiva din il-Qorti għalhekk qegħda ssib li f'dan il-każ, l-imputat mingħajr ħsieb li jisraq jew jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu fixkel lil David Cachia fil-pussess ta' ħwejġu jew b'mod ieħor indaħal fi ħwejjeġ David Cachia.

Inoltre ġjaladarba dan hu l-każ, il-Qorti qegħda tikkunsidra wkoll dak mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża "Il-Pulizija vs Charles Chircop"[4] fejn ingħad li l-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali għandhom saħansitra is-setgħa li jiddeterminaw kwistjonijiet ċivili inċidentali għar-risoluzzjoni tal-vertenza penali. F'dan l-isfond, din il-Qorti sejra wkoll tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali. Fis-sentenza "Il-Pulizija vs Salvu Farrugia"[5] dik il-Qorti tenniet li l-kliem "disordni jew inkonvenjent" fl-Artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali tinkludi l-istat ta' fatt li jagħti lok għar-reat u ċioe' dak l-istat

---

[2] Notes on Criminal Law, Anthony J. Mamo, fol 33. Skont il-Carrara fil-paragrafu 2851 tal-Opra hawn fuq citata : - L'atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode....perche' la legge protegge lo stato quo, il quale non puo' variarsi tranne per consenso degl'interessati, o per decreto dell'autorita' giudiciale.

[3] "Il che da una parte dimostra che il reato non ista' nella turbativa del possesso, ma nell'uso de' *mezzi dell'autorita' pubblica*. Ma perche' intervenga l'autorita' pubblica a porre in atto l'esercizio dell'altrui diritto, sono fuor di dubbio necessariamente due cose, a) che il diritto sia reale, b) che ne sia controverso l'esercizio" - "I Principi del Diritto Penale applicati al Codice delle Due Sicilie", Francesco Saverio Arabia, Vol 3, Napoli 1858, Parte III, Art. 164 a 173, pagina 45.

[4] deċiża fl-1 ta' Settembru 1995.

[5] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 t'April 1996.

t'illegalita' li b'xi mod ikun jirrikjeta l-intervent ġudizzjarju biex jiġi fit-tmiem u li normalment dan ikun jikkonsisti wkoll fl-ordni mogħti mill-Qorti biex l-istat ta' fatt li jagħti lok għar-reat jitneħħa.

***Id-deċide***

Għaldaqstant wara li rat l-Artikoli 85(1) u 377(3) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti qegħda ssib lil Godfrey Casha ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien xahrejn mill-lum kif ukoll tordna lill-ħati sabiex ineħħi kull disordni jew inkonvenjent li bih sar ir-reat u li jikkonforma ruħu mal-liġi fi żmien xahrejn millum.

*Moghtija illum l-14 t'Ottubru 2014 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.*

*Il-Magistrat Aaron M. Bugeja.*